**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 164/2016**

**Illum: 13 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Dennis Theuma)**

**vs**

**Elaine Rapinett**
**(ID 115684(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Elaine Rapinett, ta' 32 sena, bint missier mhux maghruf u Carmen nee` Rapinett, imwielda l-Pieta` fit-3 ta' Frar 1984, residenti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 115684(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Novembru 2011 u matul is-seba' xhur ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President

ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, [issib lill-] imputata hatja talli hija recidiva b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi, u barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali ferm refrattarja tal-imputata, kif aggornata sa Ottubru 2012, li tiskorri fuq xejn inqas minn sebgha u ghoxrin faccata, u tinkludi *inter alia* kundanni dwar serq semplici u aggravat, feriti ta' natura hafifa, reati kontravvenzjonali, frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti, ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, pussess tad-droga, inkluz gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, traffikar tad-droga eroina (f'zewg

okkazzjonijiet) u ricettazzjoni, dwar liema l-imputata nghatat liberazzjoni kundizzjonata (fi tlett okkazzjonijiet), Ordni ta' *Probation* (f'zewg okkazzjonijiet), sentenza ta' prigunerija sospiza (f'zewg okkazzjonijiet), varji pieni pekunjarji li whud minnhom gew konvertiti fi prigunerija u sentenzi ta' prigunerija effettiva (f'sitt okkazzjonijiet).

Qieset ukoll mill-banda l-ohra l-ammissjoni bikrija tal-imputata, liema ammissjoni giet registrata minnha proprju fl-ewwel seduta mizmuma quddiem din il-Qorti. Qieset ukoll in oltre illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2011 u li c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti f'Gunju 2016 (u dan kif spjegat il-Prosekuzzjoni, stante li fil-frattemp tressqet terza persuna in konnessjoni ma' dan il-kaz, li fil-konfront taghha, il-proceduri ghadhom pendenti).

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi dan ir-reat gie kommess mill-imputata waqt li kienet detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu – u li ghalhekk dan il-fatt ghandu jigi rifless fil-piena. Il-ligi stess fil-fatt tipprovdi ghal dan l-aggravanti permezz tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li japplikaw fil-kaz odjern.

Qieset ukoll illi f'dan il-kaz, kemm il-Prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiza ddikjaraw illi t-traffikar mertu tal-imputazzjoni (a) kien jikkonsisti fl-ghoti ta' informazzjoni da parti tal-imputata lil terza persuna ghal xiri ta' droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02 u l-Artikoli 33A u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni (a) u tal-addebitu tar-recidiva migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' **sittax-il (16) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf Euro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hatja sabiex, fi zmien sena mil-lum, thallas nofs[1] l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, l-ammont ta' liema spejjez ghandu jigi stabbilit mir-Registratur.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[1] Il-Qorti qeghda tordna li l-hatja thallas nofs l-ispejjez tal-esperti stante li mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit jirrizulta li l-investigazzjoni kienet tikkoncerna wkoll terza persuna.